MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 446/2011

**Appell Nru. 442/2011**
**Appell Nru. 446/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Joseph Scerri**

**Illum 31 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant/appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Bormla fis-6 ta' Settembru, 2007, fil-kariga tieghu ta' Sindku fil-Kunsill Lokali ta' Bormla, agixxa bi ksur ta' l-artikolu 20(1) ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, meta naqas li jikxef lill-Kunsill Lokali ta' Bormla kull relazzjoni familjari rilevanti li kien jaf li jezisti bejnu u bejn is-Sinjura Ramona Falzon Gatt,

kandidata ghall-hatra ta’ Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta’ Bormla.
Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-kariga tieghu ta’ Sindku fil-Kunsill Lokali ta’ Bormla, agixxa bi ksur ta’ l-artikolu 20(1) ta’ l-Att Dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta naqas li jirtira mis-seduta tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla numru 22 li fiha kienet qed tigi diskussa xi kwistjoni dwar jew li tolqot il-hatra tas-Sinjura Ramona Falzon Gatt, kandidata ghall-hatra ta’ Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali ta’ Bormla.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Ottubru, 2011, li biha, ma sabitx lill-appellant/appellat hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn tali akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 20(2)(b)(3) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500). Minbarra dan ordnat l-iskwalifika tieghu minn kariga ta’ kunsillier ghal perjodu ta’ hames snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Scerri minnu pprezentat fil-31 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo jekk ikun il-kaz, tinfliggi piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fis-sens li tikkonferma l-htija tat-tieni akkuza, l-piena ghat-tieni akkuza u l-iskwalifika tieghu minn kariga ta’ kunsillier ghal perjodu ta’ hames snin, izda thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward ta’ l-ewwel akkuza, tiddikjara li ma’ sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedi billi ssib htija fuq l-ewwel akkuza u tinghata piena adegwata fir-rigward.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant/appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi galadarba l-Ewwel Qorti lliberatu mill-ewwel imputazzjoni multo magis l-appellant ma setghax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni ossija li ma segwiex xi parti mill-procedura kontemplata fl-artikolu 20 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghar-ragunijiet premessi.

Illi l-artikolu 20 tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment illi :
***20. (1) Kull kunsillier ghandu bil-miktub jikxef lill-Kunsill kull relazzjoni familjari rilevanti li hu jkun jaf li tezisti bejnu u bejn kull persuna ohra li hu jkun jaf li jkollha, jew tkun kandidat ghal hatra ta’ kariga taht il-Kunsill.***
***(2) Il-kxif kollu maghmul taht is-subartikolu (1) ghandu kemm jista` jkun malajr ikun mgharraf mis-Segretarju Ezekuttiv lill-Kunsill u:***
***(a) ikun id-dmir tal-Kunsill li jirregistra fil-minuti partikolaritajiet tal-kxif u***
***(b) jekk il-kunsillier mehtieg li jaghmel il-kxif ikun prezenti f’xi laqgha tal-Kunsill li fiha tkun qed tigi diskussa xi kwistjoni dwar jew li tolqot il-hatra, r-rimunerazzjoni, z-zmien jew il-kondizzjonijiet tas-servizz, il-promozzjoni, l-grad, il-kondotta, t-tkeccija, s-sospensjoni, l-irtir jew is-superanwazzjoni tal-persuna li maghha jkollu r-relazzjoni familjari rilevanti, dan ghandu jirtira mil-laqgha fil-waqt li l-kwistjoni tkun qed tigi kunsidrata u l-irtir tieghu ghandu jigi registrat fil-minuti tal-proceduri tal-laqgha.***

Illi ghaldaqstant l-artikolu 20 fuq citat, ghandu applikazzjoni diretta u car, ghal dak il-kunsillier li skond il-ligi huwa obbligat “bil-miktub jikxef kull relazzjoni familjari rilevanti”.

Illi inoltre, l-artikolu 20(2)(b) jkompli jghid li "l-kunsillier mehtieg li jaghmel il-kxif" ghandu jirtira minn kwalunkwe laqgha fejn tkun qed tigi diskussa xi kwistjoni jew li tolqot il-hatra, r-rimunerazzjoni, z-zmien jew il-kondizzjonijiet tas-servizz, il-promozzjoni, l-grad, il-kondotta, t-tkeccija, s-sospensjoni, l-irit jew is-superanwazzjoni tal-persuna li maghha jkollu r-relazzjoni familjari rilevanti.

Illi l-appellant jissottometti illi galadarba l-Ewwel Qorti lliberatu mill-ewwel imputazzjoni fis-sens li instab mhux hati li ma kixifx relazzjoni familjari rilevanti, ghas-semplici raguni illi tali informazzjoni kienet wahda maghrufa minn kullhadd, il-posizzjoni tieghu, tal-anqas fid-dawl tal-artikolu 20 fuq citat, fil-mument li saret il-laqgha tal-kunsill mertu ta' dan il-kaz, ma kienitx wahda ta' "kunsillier mehtieg li jaghmel il-kxif", u ghaldaqstant l-artikolu 20(2)(b) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jiskatta u konsegwentement l-appellant ma kellux ghalfejn jirtira mill-laqgha.

Illi fil-fatt, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tghid illi "mill-provi jidher car li kulhadd kien jaf b'din il-parentela u ma kellux ghalfejn jinforma lill-membri tal-kunsill bil-miktub ta' dan il-fatt. Din l-informazzjoni kienet antecedent ghall-fatti in ezami u ghalhekk ma jistax jirrizulta li kellu jikxef xi fatti rilevanti".

Illi l-appellant jemmen li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tilliberah mill-ewwel imputazzjoni taghmel hafna sens ukoll fid-dawl tal-fatt li hawnhekk mhux qed nitrattaw fuq hatra ta' xi persuna estranea ghall-kunsill, li dwarha hadd ma kien jaf xejn, izda qed nitkellmu fuq persuna illi, kienet ilha tahdem mal-kunsill ghal tlett snin shah qabel il-hatra taghha ta' Segretarju Ezekuttiv, fejn f'dawn it-tlett snin, u dan kif pruvat mill-minuti tal-imsemmija laqgha tal-kunsill, din il-persuna nghatat "performance bonus" massimu kull sena.

Illi jigi sottomess li l-oghti ta' "performance bonus" jirrinkwadra wkoll taht dak disposta fl-artikolu 20 tal-Kap. 363. Izda l-kunsill, tul is-snin, bil-konsopevolezza tal-kunsill kollu, approva tali bonus, anki waqt li s-Sindku kien

prezenti ghall-laqghat in kwistjoni u dan ghas-semplici raguni li s-Sindku ossija l-appellant ma setghax jikkwalifika bhala persuna mehtiega li taghmel il-kxif u ghaldaqstant ma kellux ghalfejn jirtira minn kwalunkwe laqgha.

Illi l-parentela tas-Sinjura Ramona Falzon Gatt tant kienet maghrufa u mhux mohbija, illi fil-minuti tal-laqgha tal-kunsill mertu ta’ dan il-kaz, kunsillier partikoalri semma din il-parentela u fl-ebda hin u mument ma saret talba mill-ebda kunsillier prezenti sabiex l-appellant jirtira mis-seduta.

Illi finalment, kif jixhdu l-minuti tal-imsemmija laqgha, d-decizjoni li tigi mahtura s-Sinjura Falzon Gatt kienet wahda kwazi unanima u huwa evidenti li ma kien hemm ebda pressjoni minn hadd sabiex tinghata din il-hatra li kienet wahda maqbula u mixtieqa kwazi minn kulhadd.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet fil-mertu, l-appellant jissottometti illi l-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti m’hix wahda idonea, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Illi l-appellant m’hux qed jissottometti illi l-piena erogata m’hijiex fil-parametri tal-ligi, izda li l-Gudikant kellu jiehu in konsiderazzjoni l-attenwanti kollha u dawk ir-ragunijiet specjali u straordinarji illi jiccirkondaw dan il-kaz fil-konsiderazzjonijiet tieghu dwar il-piena.

Illi f’dan ir-rigward l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jghid testwalment illi :

***21. Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 492, il-Qorti tista`, ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7.***

Illi l-legislatur, permezz ta’ dan l-artikolu, ta lill-Gudikant, il-fkulta` li jekk ikun hemm ragunijiet specjali u straordinarji, l-Qorti tkun tista` tinfliggi piena li sahansitra tkun taht il-minimu stabbilit mill-Ligi.  Hawnhekk il-Ligi taghmilha cara li jridu jezistu ragunijiet u mhux raguni wahda.

Illi l-applikazzjoni tal-artikolu 21 fuq citat tigi eskluza biss mill-Legislatur billi tali eskluzjoni tkun inkluza esplicitament fl-att in kwistjoni, f’dan il-kaz, l-Att Dwar Kunsilli Lokali, Kap. 262 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fil-fatt ma jirrizultax illi l-Kap 363 fuq citat jeskludi lill-Gudikant illi fid-diskrezzjoni tieghu japplika l-artikolu 21 tal-Kap. 9 u ghaldaqstant, jekk ikunu jezistu ragunijiet specjali u straordinarji, l-Qrati jistghu liberament japplikaw dan l-artikolu anki f’dan il-kaz.

Illi f’dan ir-rigward, l-appellant jemmen li jezistu dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji li jimmilitaw favur temperament fil-piena, sahansitra taht il-minimu stabbilit fil-ligi.

Illi l-intenzjoni tal-legislatur, waqt li kien qed jirredigi l-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, partikolarment b’referenza ghall-Artikolu 20, kienet illi jassigura trasparenza fil-process tal-impjiegi ta’ qraba ta’ kunsillieri mal-kunsilli lokali.  Il-legislatur kellu l-intenzjoni illi jelimina l-kunflitt ta’ interess u l-qerq fil-hatra ta’ ufficjali mal-imsemija kunsilli.

Illi dan il-kaz jitratta persuna li kienet diga` impjegata mal-kunsill lokali ta’ Bormla u kienet ilha f’tali impjieg ghal aktar minn tlett snin.  Il-fatt li kienet il-mara tan-neputi tas-Sindku ossija l-appellant, kien wiehed maghruf minn kulhadd, inkluz il-kunsilliera l-ohra kollha u l-appellant m’ghamel l-ebda tentattiv biex jahbi tali parentela minn hadd.

Illi l-agir tal-appellant tul dawn is-snin li ilu Sindku tal-imsemmi kunsill, kien wiehed fejn mezza bi trasparenza kbira u ma kellu l-ebda intenzjoni la li jezercita` xi

pressjoni fuq xi hadd u wisq anqas li jinganna bi shabu membri tal-kunsill.

Illi tant hu hekk, illi l-bord tal-ghazla, li kien bord mahtur mill-kunsill sabiex jirrakkomanda lill-kunsill il-persuna li kellha tigi mahtura Segretarju Ezekuttir, iddecieda favur is-Sinjura Ramona Falzon Gatt b’mod unanimu.

Illi minn imkien mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, ma jirrizulta illi l-appellant ezercita` xi pressjoni sabiex tintghazel is-Sinjura Falzon Gatt.  Id-decizjoni hadha l-bord b’mod unanimu u giet ratifikata mill-Kunsill Lokali kwazi b’mod unanimu wkoll bl-eccezzjoni ta’ vot wiehed kontra.

Illi ghaldaqstant johrog ben car li dak li ried ixejjen il-legislatur bl-applikazzjoni tal-artikolu 20, ma jirrizultax f’dan il-kaz.

Illi zgur li l-appellant ma ghamel xejn li jindika li b’xi mod ried iqarraq b’xi hadd jew li ried li jinfluwenza l-process tal-ghazla favur il-qariba tieghu.  Anzi, assigura li l-process ikun trasparenti kemm jista` jkun u li jkun hemm diversi persuni li jgorru r-responsabbilita` tal-ghazla taghhom, minghajr indhil min-naha tieghu.

Illi se mai, fl-aghar ipotezi, tirrizulta nuqqas ta’ gharfien tal-procedura li suppost kellha tigi adoperata mill-Kunsill Lokali f’tali hatriet, tant illi fl-ebda hin ma l-appellant gie mistieden jirtira mill-laqgha tal-kunsill in kwistjoni.

Illi l-appellant ilu jservi bhala Sindku tal-kunsill lokali ta’ Bormla ghal diversi snin.  Tul il-hatra tieghu, dejjem serva lic-cittadini ta’ Bormla b’lealta kbira u b’hidma kontinwa favur il-kunsill u favur il-lokalita`.
Illi l-appellant ihoss, li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, l-iskwalifika minn kariga ta’ kunsillier ghal hames snin, m’hijiex gusta u jhoss li hemm diversi ragunijiet specjali u straordinarji illi jimmilitaw biex f’kaz genwin bhal dan, il-Qorti tinfliggi piena taht il-minimu stabbilit mill-Ligi.

Illi l-appellant jemmen li l-intenzjoni tal-legislatur kienet esklussivament li jigi eradikat l-abbuz u zgur ma kienitx l-intenzjoni li kunsillier habrieki li qed jaghmel tant gid lis-socjeta` jigi eskluz milli jservi fil-pozizzjoni li wara kollox gie mahtur fiha mic-cittadini tal-lokal stess.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta lliberat lill-appellat imputat minn l-ewwel akkuza stante li kien stat ta' fatt car li l-appellat imputat qatt ma kixef ir-relazzjoni tieghu mas-Sinjura Ramona Falzon Gatt bil-miktub hekk kif rikjest skond il-ligi.

Illi l-artikolu 20(1) tal-Kapitolu 363 Att Dwar Kunsilli Lokali jghid :
*"Kull kunsillier ghandu bil-miktub jikxef lill-Kunsill kull relazzjoni familjari rilevanti li hu jkun jaf li tezisti bejnu u bejn kull persuna ohra li hu jkun jaf li jkollha, jew tkun kandidat ghal hatra ta' kariga taht il-Kunsill".*

Illi l-artikolu 20(2)(a) ta' l-istess Att jghid :
*"Il-kxif kollu maghmul taht is-subartikolu (1) ghandu kemm jista` jkun malajr ikun mgharraf mis-Segretarju Ezekuttiv lill-Kunsill u :*
*(a) ikun id-dmir tal-Kunsill li jirregistra fil-minuti partikolaritajiet tal-kxif".*

Illi l-artikolu 20(4) ta' l-istess Att jghid :
*"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, relazzjoni familjari rilevanti titqies li tezisti bejn kunsillier u ufficjal jew kandidat jekk ikunu ragel u mara mizzewgin jew jekk l-ufficjal jew il-kandidat, jew zewg jew mart l-ufficjal jew il-kandidat, ikunu –*
*(a) genituri*
*(b) nanniet*
*(c) ulied l-ulied*
*(d) ulied*
*(e) ahwa*
*(f) zijiet*
*(g) neputijiet jew*
*(h) prim kugin*

*tal-kunsillieri jew ta' zewg jew mart il-kunsillieri.*

Illi l-fatt li l-appellat imputat jigi minn Ramona Falzon Gatt huwa ppruvat permezz tad-dokumenti tar-registru pubbliku.

Illi l-ligi hija cara u tassativa fir-rekwizit li d-dikjarazzjoni kellha ssir (1) direttament mill-appellat imputat, (2) kellha ssir bil-miktub, u (3) kellha ssir malajr.

Illi s-Sinjura Ramona Falzon Gatt kienet ilha perjodu ta' tlett (3) snin tahdem mal-Kunsill u sal-gurnata ta' l-elezzjoni qatt ma gie registrat ebda dikjarazzjoni bil-miktub.

Illi l-Ewwel Qorti naqset mill-apprezzament serju ta' test tal-ligi meta stqarret li "dan mhux xi agir ta' barra minn hawn" ghaliex l-iskop ta' legislatur huwa li jkun hemm trasparenza u integrita assoluta f'kull individwu li jigi elettat u li ma jkunx hemm dubju fis-serjeta` ta' ebda Kunsill Lokali minhabba ragunijiet ta' nepotismu f'elezzjoni demokratika jew li nghata xi vantagg fuq kandidati ohra.

Illi in fatti kien hemm disgha applikanti ghal posizzjoni u ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku kif l-istess Ramona Falzon Gatt kienet kandidata superjuri ghall-ohrajn u li ma nkisbet ebda vantagg sforz tar-relazzjoni ma' l-appellat imputat specjalment in vista tal-fatt li tali relazzjoni dejjem baqghet ufficjalment mohbija.

Illi l-Ewwel Qorti hi stess fil-konfront tat-tieni akkuza tispjega li l-istess artikolu "ghandu jigi interpretat fis-sens li kunsillier li ghandu interess ghandu jirtira minn tali diskuzzjoni". Illi din l-interpretazzjoni kellha testendi wkoll ghall-ewwel akkuza u l-Ewwel Qorti messa apprezzat in-necessita` li tali dikjarazzjoni kellha ssir bil-miktub halli ebda kunsillier li setgha jivvota kellu dubju dwar is-stat tar-relazzjoni bejn is-Sindku u s-Sinjura Falzon Gatt u l-integrita` u t-trasparenza dwar l-istess.

Illi din id-dikjarazzjoni bil-miktub tirriforma parti mir-rekordji ta’ l-istess Kunsill u hija necessarja mhux biss fid-dawl ta’ l-artikolu 20 izda anke bhala bazi ta’ fiducja lejn ir-residenti kollha ta’ Bormla li ttelghu l-kunsillieri u li fihom ipoggu l-fiducja taghhom li ha jiehdu u jimplimentaw decizjonijiet ghan-nom taghhom.

Illi l-appellat imputat qatt ma gab kwalunkwe prova kuntrarju li ghamel kwalunkwe dikjarazzjoni bil-miktub.

Illi in vista ta’ dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irrid issiru fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, bid-dovut rispett l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta’ liema ssib lill-appellat hati ta’ l-ewwel l-akkuza migjuba kontrih peress illi ma’ kienx jissussisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju ragjonevoli.

Rat illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg appelli wiehed ta’ l-imputat u l-iehor ta’ l-Avukat Generali u ghalhekk huwa opportun illi dawn jigu trattati flimkien.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-imputat Joseph Scerri hu Sindku ta’ Bormla u fis-6 ta’ Settebru, 2007 inzammet laqgha tal-Kunsill Lokali fejn fost ohrajn kellu jinhatar Segretarju Esekuttiv ghal dan il-Kunsill. Wahda mill-kandidati kienet is-sinjura Ramona Falzon Gatt li hija mizzewwga lil Etienne Falzon in-neputi ta’ l-imputat. Omm Etienne, Antonia Falzon nee’ Scerri u l-imputat huma ahwa. L-imputat kien ukoll ic-Chairperson tal-bord ta’ l-ghazal ghal din il-hatra ta’ Segretarju Esekuttiv fejn flimkien ma membri ohra tal-Kunsill iffirma rapport fejn giet irrakkomandata li s-sinjura Ramona Falzon Gatt tinhatar f’din il-kariga, illi din ir-rakomandazzjoni ttiehdet fuq mozzjoni mresqa mill-imputat stess. L-imputat naqas li jiddikjara bil-miktub ir-relazzjoni bejnu u bejn is-sinjura Ramona Falzon Gatt f’kull stadju u naqas li jezenta ruhu mill-istess laqgha u fl-istadju tal-votazzjoni u minflok ha sehem attiv fil-laqgha u vvota favur il-mara tan-nepputi tieghu. Kien ghalhekk illi l-imputat tressaq il-Qorti biex

iwiegeb ghal zewg akkuzi nkonnessjoni ma ksur tal-Kapitlu 363 l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Fl-ewwel akkuza gie akkuzat talli naqas li jinforma lill-Kunsill bil-miktub bir-relazzjoni familjari relevanti li kien hemm bejnu u bjen Ramona Falzon Gatt u t-tieni akkuza talli naqas illi jiritira mis-seduta tal-Kunsill Lokali ta' Bormla li fiha kienet qed tigi diskussa l-kwistjoni tal-hatra tas-sinjura Ramona Falzon Gatt bhala kandidata ghal hatra ta' Segretarju esekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Bormla. B'Sentenza moghitja fid-19 ta' Ottubru, 2011 il-Qorti tal-Magistrati filwaqt illi lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza, kkundannatu ghal multa ta' €500 u skwalifikatu milli jokkupa l-kariga ta' Kunsillier ghal perjodu ta' hames snin. Kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali appellaw minn din is-Sentenza, l-Avukat Generali ghax dehrlu li l-imputat kellu jinstab hati ta' l-ewwel akkuza wkoll u l-imputat talli kellu jigi liberat ukoll mit-tieni akkuza.

Ikkunsidrat.

Skont ic-certifikat taz-zwieg a fol 11 tal-Process Romina Falzon Gatt izzewwget lill-Etienne Falzon in-neputi ta' l-imputat fit-2 ta' Dicembru, 2006. Irrizulta illi dina kienet funjonarja tal-Kunsill minn hafna qabel ma zzewget u l-membri kollha tal-Kunsill kienu jafu bir-relazzjoni familjari li kien hemm bejn Falzon Gatt u l-imputat. Dan gieghel lill-Ewwel Qorti tirraguna *"Mill-kumpless tal-provi prodotti jidher car li kullhadd kien jaf b'din il-parentela u ma kellux ghalfejn jinforma lill-membri tal-Kunsill bil-miktub ta' dan il-fatt. Din l-informazzjoni kienet antecidenti ghall-fatti in ezami u ghalhekk ma jistax jirrizulta illi kellu jikxef xi fatt relevanti. Ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' l-ewwel akkuza."* Fil-waqt illi naturalment qabel ma dan l-argument l-Avukat Generali ma qabilx u nvoka favur tieghu l-Artiklu 20 (1) tal-Kapitlu 363 Att dwar Kunsilli Lokali fejn jispecifika, *"Illi kull Kunsill ghandu <u>bil-miktub</u> jikxef lill-kunsill kull relazzjoni famijari relevanti li hu jkun jaf li tezisti bejnu u bejn kull persuna ohra li hu jkun jaf li jkollha jew tkun dandidat ghal hatra ta' kariga taht il-Kunsill."* L-Artilki sussegwenti jghidu illi din l-informazzjoni

ghandha tinghata kemm jista jkun malajr u tkun registrata fil-minuti partikulari tal-kxif.

Ikkunsidrat.

Minn dawn ir-regolamenti sussegwenti johrog car illi l-informazzjoni illi ghandha tinghata mhix qieghda biss ghat-trasparenza imma sabiex tina tigi debitament registrata fil-minuti tal-Kunsill u tibqa hekk registrata ghal kull evenwali skrutinju fil-futur. Mhuwiex bizzejjed illi kullhadd ikun jaf bl-informazzjoni, dak mhuwiex l-iskop tal-Ligi, l-avviz bil-miktub mhuwiex qieghed biss biex jinforma lill-Kunsilli imma qieghed biex iservi bhala dokumentazzjoni registrata ghall-skrutinju eventwali jekk ikun il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx ma l-argument ta’ l-Ewwel Qorti meta qalet illi l-imputat ma kellux ghalfejn jinforma lill-membri tal-Kunsill bil-miktub ghax kullhadd kien jaf. Li kieku l-Ligi riedet illi t-tali kxif kellha sservi biss ghall-informazzjoni u ghat-trasparenza, ma kienetx izzid illi l-informazzjoni trid tinghata kemm jista jkun malajr u tigi registrata fil-minuti partikulari tal-kxif.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju tieghu. L-imputat naqas illi josserva d-dettami tal-Ligi meta huwa ma nfurmax bil-miktub lill-Kunsill bir-relazzjoni famijari illi kellu ma Ramona Falzon Gatt li kienet kandidata ghal hatra ta’ kariga taht il-Kunsill u ghalhekk kellu jigi misjub hati ta’ l-ewwel akkuza.

Ghal dak li jirrigwardja t-tieni akkuza mhuwiex kontestat li l-imputat ma rtirax mill-laqgha meta kienet qed tigi diskussa l-impjieg ta’ Ramona Falzon Gatt u fil-fatt l-Ewwel Qorti gustament sabitu hati ta’ din l-akkuza. Fl-appell tieghu pero’ l-imputat ilmenta li ma kellux ghalfejn jirtira mis-seduta peress illi l-Ligi tirrikjedi l-irtirar sal-grad ta’ kugini.

Il-Qorti pero’ ma taqbilx ma dan l-argument.

L-Artiklu 20 (4) ta’ l-istess Att jestendi r-relazzjoni familjari ghal membri kemm konsangwini kif ukoll li jigu minn affinita miz-zwieg. Ramona Falzon Gatt hija mizzewga

lin-nepputi dirett ta' l-imputat u b'hekk kienet taqa' taht din ir-relazzjoi familjari kif identifikata fl-Artiklu fuq imsemmi u l-imputat kellu jirtira mill-laqgha fejn kienet qed tigi diskussa l-hatra taghha. Ma taghmilx differenza ghal fatt illi fil-laqgha l-vot kien unanimu, la l-Ligi kienet tirrikjedi illi l-imputat jirtira allura hekk kellu jaghmel indipendentament minn kwalunkwe konsiderazzjoni ohra. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet htija tat-tieni mputazzjoni ghandha tigi konfermata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddisponi minn dawn l-appelli billi tichad l-appell ta' l-imputat u tilqa l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens li tikkonferma l-htija tat-tieni akkuza, thassar u tirrevoka s-Sentenza fir-rigward ta' l-ewwel akkuza, tiddikjara lill-imputat hati ukoll ta' l-ewwel akkuza u tirriforma l-piena fis-sens illi tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' €600 ghal zewg imputazzjonijiet u tiskwalifikah milli jokkupa kariga ta' Kunsillier ghal perjodu ta' hames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------